MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 474/2003

**Avviz numru 474/03DM**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Aaron Galea f'ismu propju u ghan-nom u in rappresentanza ta' Loyalty Services Co. Ltd. (C26261)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut pro et nomine ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija, wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,781.54) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 21494848, 21499407, 434328, 415263, 21435127 u 21448811 dana skond ma kif jidher mid-dokumenti annessi ma' l-Avviz u mmarkati Dok. A, B, C, D, E, F, G, H, J u K .

Bl-ispejjez tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti et noe fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament, in-notifika lill-konvenut mhiex valida skond il-ligi ghax il-kawza hija maghmula mis-socjeta' Maltacom p.l.c. u mhux mill-Malta Tourism Authority u stante illi l-konvenuti et nominee m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-Malta Tourism Authority;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jirrigwarda l-konvenut Aaron Galea, personalment hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk mhu l-legittimu kuntradditur;
3. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess ammont huwa dovut mis-socjeta' konvenuta;
4. Ghalhekk il-konvenuti et nomine m'ghandhomx ibghatu l-ispejjes;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2004 fejn id-difensur tal-konvenuti wara li, f'isem l-istess konvenuti, taght ruhha b'notifikata bl-Avviz propost mill-atturi rrinunzjat ghall-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-istess konvenuti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat illi l-kumpanija konvenuta ma baghtet ebda rappresentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni pprezentati mill-kumpanija attrici;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-kumpanija attrici kif ukoll mid-depozizzjoni stess tal-konvenut Aaron Galea jirrizulta illi l-ammont intier kif mitlub mill-kumpanija attrici huwa dovut definittivament mill-kumpanija Loyalty Services Co. Ltd., izda ma tirrizulta ebda prova li biha wiehed jista’ jikkonkludi illi Aaron Galea f’ismu proprju jista’ jkollu xi responsabbilita’ ghall-hlas ta’ dawk l-ammonti li qed tirreklama l-kumpanija attrici.

Mid-dokumenti illi gew iffirmati mill-istess Aaron Galea sabiex l-atturi jipprovdu s-servizz ta’ linja telefonika, senjatament dawk immarkati C, D u E a folji 4, 5 u 6 tal-process, jirrizulta illi t-talba ghal kull linja kienet saret dejjem f’isem il-kumpanija Loyalty Sevices C. Ltd. U, fejn ma giex specifikatament indikat x’kienet il-kariga ta’ l-istess Aaron Galea illi ntitolathu japplika f’isem il-kumpanija konvenuta, fuq l-istess dokumenti gie ndikat in-numru ta’ registrazzjoni ta’ l-istess kumpanija, precizament C26261.

Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex ikompli jsahhah dak li jifthiem mill-istess dokumenti, li kull applikazzjoni ghal kull linja telefonika li dwara l-atturi qieghdin jitolbu l-hlas, kienet saret ghan-nom u fl-interess biss tal-kumpanija konvenuta Loyalty Services Co. Ltd.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici fil-konfront biss tal-konvenuti Loyalty Services Co. Ltd. u tichadhom fil-konfront tal-konvenut Aaron Galea f’ismu proprju u konsegwentement tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, seba’ mija, wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,781.54), ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Settembru, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta Loyalty Services Co. Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------